MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 798/2001/1

**Atlas Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Baron Networks Limited u l-istess Baron Networks Limited**

**vs**

**Marco Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 t'Awissu, 2001 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u disgha u hamsin lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm359.94), risarciment ta' danni komplessivi, kwantu ghall-mitejn u disgha u hamsin lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm259.94) lil Atlas Insurance Agency Limited noe, u mitt lira (Lm100.00) lil Baron Networks Limited, rizultanti minn**

**incident awtomobilistiku li gara il-Mosta fil-15 ta' Dicembru, 2000, meta waqt li l-konvenut kien qed jirriversja l-vettura Nru.TFC-385 habat mal-vettura Nru.BNL-002 proprjeta` tas-socjeta` attrici Baron Networks Limited li kienet ipparkjata – ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**
**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju, 2001 u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghax legali mit-12 ta' Lulju, 2001.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-25 ta' Settembru, 2001, fejn intqal:**
**i. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti mhux responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mis-socjetajiet attrici relativi ghall-vettura BNL-002, u dan ghaliex l-eccipjenti ma kien bl-ebda mod involut f'xi incident ma' l-istess vettura;**
**ii. illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;**
**iii. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' WPC181 Josephine Brincat, Andrew Harvey Stephenson, Steve Conti, Joseph Grillo, Marco Vella, u PS139 Ronald Azzopardi. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz qed isir ghall-danni kkawzati fil-vettura ta' l-assigurat tas-socjeta` attrici bhala rezultat ta' kollizjoni. Il-vettura ta' l-assikurat kienet misjuqa minn Andrew Harvey Stephenson.**
**2. Issa f'dan il-kaz kienu saru zewg rapporti mill-pulizija, fis-sens li l-ewwel sar rapport bhala "hit and**

**run” u sussegwentement wara saru verifiki, dana gie aggornat ghall-“road accident report”.**

**3. Andrew Harvey Stephenson qed jghid li minn informazzjoni li nghatatlu, l-konvenut kien irriversja fih, meta l-karrozza tieghu kienet parkeggjata fi Triq is-Sghajtar, Mosta, u dana fil-15 ta’ Dicembru, 2000.**

**4. Il-persuna li rat l-incident isir, Joseph Grillo, xehed f’din il-kawza, u kien specifiku dwar dak li ra. Grillo ghandu hanut f’E.B.Vella Street, kantuniera ma’ Triq is-Sghajtar. Hu kien fuq il-bankina u ra l-incident isehh. Ix-xhud qal li fi Triq is-Sghajtar hemm JP Supermarket, u ra t-truck bil-marka “Jack Frost” jirriversja fil-vettura ta’ l-attur, jinzel, ihares, jerga’ jitla fil-vann, u jsuq l’hemm. L-istess Grillo nizzel in-numru tal-vann fuq karta u ghaddiha lill-persuna tal-karrozza milquta meta dan hareg mis-supermarket.**

**5. Jirrizulta li kien hemm xi ftit ta’ konfuzjoni dwar l-uisem tas-supermarket quddiem liema gara l-incident, u jidher li dan gie rappurtat hazing lill-pulizija, pero` jirrizulta li hemm izjed minn supermarket wiehed f’dawk l-akkwati, u jirrizulta li definitivament l-incident sehh quddiem il-JP supermarket.**

**6. Ghalkemm il-konvenut qed jichad li rriversja, u li laqat lill-vettura ta’ l-attur, it-Tribunal jinnota li dak li qed jghid mhux kredibbli, u dana ghall-diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok, a tempo vergine, l-istess konvenut, imsejjah fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, ammetta l-incident ma’ WPC181 Josephine Brincat. Kif xehedet l-istess WPC Brincat: “Baghat ghal Vella u jien kellimtu u ammetta. Hu qalli li kien bil-vann u jista’ jkun li rriversja, pero` ma kienx induna li laqat.” Inoltre l-istess xhud tghid li darbtejn bghatu ghalih u dan qal li ser jirranga. Inoltre filwaqt li l-konvenut qed jghid li ma jaf li laqat lil hadd, ix-xhieda ta’ Grillo tindika li dan wara l-incident nizel u hares qabel ma rega’ tela’ u saq. L-istess konvenut jghid li meta telaq il-vettura ta’ l-attur ma kienetx hemm, u dana l-fatt hu djametrikament oppost ghall-dak li qal ix-xhud okulari Joseph Grillo. It-Tribunal jinnota li ma hemm ebda raguni l-ghala m’ghandhiex tigi emmnuta il-verzjoni ta’ Joseph Grillo fir-rigward.**

**7. Ma hemmx dubbju li kien ikun ferm desiderabbli, ghalkemm hemm xhieda li ma jhallu ebda dubbju dwar l-ezitu, li kieku sar ukoll tqabbil bejn il-vetturi biex jinghalaq il-kaz definitivament. Veru li kien hemm divergenzi dwar id-deskrizzjoni tal-vann, pero` tenut kont ta' dak li ra x-xhud Grillo, li ra l-iskritta "ack Frost" fuq il-vann li rriversja, u dana flimkien mal-fatt li l-konvenut jammetti li kien quddiem il-JP Supermarket fil-hin ta' l-incident, ma jhalli ebda dubbju dwar liema kien il-vann li rriversja ghall-gol-vettura ta' l-attur.**
**8. Ghalhekk fic-cirkostanzi, tenut kont tax-xhieda mismugha ma hemmx dubbju li ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut li ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-attur.**
**9. Jirrizulta li d-danni kienu fil-bonnet, fil-grill, u fil-"headlamp" ta' quddiem in-naha tax-xellug. Dawn id-danni jammontaw ghall-ammont reklamat fl-avviz.**

**Ghalhekk it-Tribunal filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh minhabba li ma kienx attent waqt li qed iregga' lura, jikkundanna lill-konvenut ihallas lil Atlas Insurance Agency Limited noe is-somma ta' mitejn u disgha u hamsin lira Maltija u erbgha u disghin centezmu (Lm259.94), u lil Baron Networks Limited is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100.00), bl-imghax legali fuq l-ammonti msemmija mit-12 ta' Lulju, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju, 2001 u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------